



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14546/1/19
REV 1

JAI 1258
COPEN 462
DROIPEN 192
EUROJUST 205
EJN 105

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	3 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14075/19 + COR 1 + COR 2
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri alternattivi għad-detenzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri alternattivi għad-detenzjoni: l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja Kriminali adottati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR MIŻURI ALTERNATTIVI GĦAD-
DETENZJONI:
L-UŻU TA' SANZJONIJIET U MIŻURI MINGĦAJR DETENZJONI FIL-QASAM
TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI**

Introduzzjoni

1. Skont l-Aġenda Strateġika l-ġdida 2019-2024, adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019, il-protezzjoni taċ-ċittadini u l-libertajiet hija prijorità ewlenija għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss. L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tibni fuq u ssaħħaħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali u li ttejjeb il-kooperazzjoni.
2. Sistemi effettivi ta' sanzjonijiet kriminali għandhom rwol importanti fil-protezzjoni taċ-ċittadini u fl-iżgurar tas-sigurtà. Is-sanzjonijiet u l-miżuri kriminali użati u l-mod kif dawn jiġu infurzati jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-reċidività u b'hekk jaffettwaw is-sigurtà fis-soċjetà.
3. L-infurzar tas-sanzjonijiet u l-miżuri kriminali għandu jkun ibbażat fuq għarfien li jkun ġej minn riċerka rilevanti li tindika li s-sanzjonijiet u l-miżuri użati jnaqqsu r-reċidività u jippromwovu s-sigurtà.
4. Reati serji jeħtieġu reazzjonijiet xierqa, u d-detenzjoni hija strument neċessarju f'sistemi ta' sanzjonijiet kriminali. Madankollu, hemm kunsens wiesa' li d-detenzjoni għandha tintuża biss b'ħala l-aħħar għażla (*ultima ratio*)¹. L-applikazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni - minflok id-detenzjoni - fejn ikun xieraq u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali tal-każ, jista' jkollha diversi vantaġġi, kif appoġġat minn tradizzjoni twila ta' riċerka.

¹ Ara, pereżempju, il-punt 4 fil-premessi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec(2006)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar ir-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet: "Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà, ħlief jekk din il-privazzjoni ta' libertà tikkostitwixxi miżura tal-aħħar għażla u tkun f'konformità mal-proċedura preskritta mil-liġi". Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irreferiet fil-ġurisprudenza tagħha aktar minn 1000 darba għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

5. Rwol importanti ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni huwa l-promozzjoni tar-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni soċjali tat-trasgressur, li hija waħda mill-miri ewlenin għall-użu ta' tali mizuri². Dawn il-miżuri alternattivi għandhom ukoll diversi benefiċċji oħra, b'mod partikolari t-tnaqqis tar-reċidività u, għalhekk, il-promozzjoni tas-sigurtà pubblika. Dawn jistgħu jiġu applikati fl-interessi tat-trasgressur iżda wkoll fl-interessi tal-vittmi, tal-vittmi potenzjali futuri u, b'mod aktar ġenerali, tas-soċjetà.
6. Miżuri alternattivi għad-detenzjoni jeżistu fl-Istati Membri kollha, pereżempju fil-forma ta' pjeni sospiżi ta' priġunerija, is-servizz komunitarju, pjeni finanzjarji u s-sorveljanza elettronika. Barra minn hekk, żviluppi ġodda fit-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal sistema aktar effettiva ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fil-futur.
7. Huwa wkoll partikolarment importanti li jittieħed kont tal-vittmi tal-kriminalità. Fir-rigward ta' reati li huma xierqa għall-medjazzjoni, il-ġustizzja restorattiva tista' toffri opportunitajiet fir-rigward tal-mod li bih jiġu ttrattati r-reati, billi tirrikonoxxi r-rwol tal-vittma u tas-soċjetà iġġenerali u billi tiffoka fuq ir-rimedju tal-ħsara kkawżata mit-trasgressur.
8. Id-detenzjoni ma tintużax biss bħala sanzjoni kriminali, iżda tintuża ħafna wkoll fl-istadju ta' qabel il-proċess tal-proċedimenti. Miżuri alternattivi għad-detenzjoni għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati tul il-katina kollha tal-ġustizzja kriminali.
9. Fir-rigward ta' każijiet individwali, l-awtoritajiet rilevanti jiddeterminaw is-sanzjoni jew il-miżura xierqa. Fuq livell ġenerali, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw il-benefiċċji li jippermettu l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni matul il-proċedimenti kriminali u jippromwovu l-użu tagħhom, meta jitqies xieraq u effettiv.

² Ara, eżempju. Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2018: Il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, dok. 6931/18, kif ukoll l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi 2013-2020 (ĠU C 402, 29.12.2012, p. 1) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi 2017-2020 (ĠU C 215, 5.7.2017, p. 21).

10. Is-sistema tas-sanzjonijiet kriminali taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u s-sistemi jvarjaw bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-enfasi fil-livell tal-UE għandha tkun fuq miżuri mhux legiſlattivi.
11. Minbarra l-benefiċċji msemmija hawn fuq, huwa mistenni li l-użu msaħħaħ ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni jkun jista' jipproduċi effetti pożittivi anke fuq kwistjonijiet relatati ma' popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs, kundizzjonijiet insuffiċjenti fil-ħabsijiet, radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u ostakli li jinqalġu fir-rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali, il-koll kwistjonijiet li tqajmu f'fora differenti tal-UE matul l-aħħar snin.

Miżuri alternattivi għad-detenzjoni - sfond ta' politika

12. L-alternattivi għad-detenzjoni kienu, espliċitament jew impliċitament, fuq l-aġenda tal-UE għal diversi snin u f'ħafna kuntesti. Il-Programm ta' The Hague tal-2004 u l-Programm ta' Stokkolma tal-2009 għarfu li d-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni kienu qasam importanti tal-politika tal-UE dwar il-ġustizzja.
13. Fl-2011, il-Kummissjoni ppreżentat Green Paper dwar "L-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali fil-qasam tad-detenzjoni"³. Fil-Green Paper ġie kkunsidrat, fost affarijiet oħra, li sakemm ma jsirux aktar sforzi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u jiġu promossi alternattivi għall-kustodja, jista' jkun diffiċli li tiġi żviluppata kooperazzjoni ġudizzjarja eqreb bejn l-Istati Membri.
14. Fir-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet⁴, il-Parlament Ewropew innota li l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs hija komuni ħafna fl-Ewropa, iżda li ż-żieda fil-kapaċità tal-ħabsijiet mhijiex l-unika soluzzjoni għall-popolazzjoni eċċessiva. Il-Parlament insista wkoll li għandha tiġi implimentata ġestjoni effiċjenti fit-tul tas-sistemi penitenzjarji, li tnaqqas l-għadd ta' prigionieri b'użu aktar frekwenti ta' pieni mingħajr detenzjoni.

³ COM (2011) 327 final.

⁴ A8-0251/2017.

15. Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti tal-20 ta' Novembru 2015⁵, ġew imsemmija alternattivi għad-detenzjoni fl-istadji kollha tal-proċedimenti kriminali, bħala azzjoni possibbli meta jitqiesu r-reazzjonijiet tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni.
16. Skont l-Artikolu 82(1) TFUE, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji. Il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru⁶, indikat li kundizzjonijiet ħżiena fil-ħabsijiet fl-Istati Membri jistgħu jfixklu l-fiduċja reċiproka u jimminaw ir-rikonossiment reċiproku u ssottolinjaw li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tipprojbixxi t-trattament jew pieneni inumani jew degradanti. Wara s-sentenza, il-Kunsill - matul il-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill - adotta konklużjonijiet dwar "Promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku bit-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka"⁷ f'Diċembru 2018. Skont dawn il-konklużjonijiet, l-Istati Membri huma mħeġġa li jkollhom leġiżlazzjoni fis-seħħ li, fejn xieraq, tippermetti li jsir użu minn miżuri alternattivi għad-detenzjoni sabiex titnaqqas il-popolazzjoni fil-faċilitajiet tad-detenzjoni tagħhom, u b'hekk jiġi promoss l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali kif ukoll jiġi indirizzat il-fatt li l-fiduċja reċiproka hija ta' spiss imfixkla mill-kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni u l-problema tal-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat aktar ir-rekwiżiti tas-sentenza Aranyosi u Căldăraru fis-sentenza reċenti ta' Dorobantu⁸.
17. Il-Kunsill tal-Ewropa diġà għandu tradizzjoni twila fl-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mad-detenzjoni u l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, u għabar ukoll għarfien profund dwar is-suġġett. L-UE tista' għalhekk tibbenefika minn kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward.

⁵ 14419/15, tal-20 ta' Novembru 2015.

⁶ Sentenza tal-5 ta' April 2016 fil-Kawżi Konġunti C-404/15 u C-659/15, Aranyosi u Căldăraru.

⁷ ĠU C 449, 13.12.2018, p. 6.

⁸ Is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2019 f'C-128/18, Dorobantu, li fiha l-Qorti ċċarat ir-rekwiżiti għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni f'każijiet rigward il-mandati ta' arrest Ewropej u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

It-triq 'il quddiem

18. Fil-laqgħa tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni f'Lulju 2019, il-Ministri rrikonoxxew li hemm bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet kumplessi relatati mal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, il-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs, ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet kif ukoll il-kooperazzjoni f'materji kriminali. Il-Ministri enfasizzaw ukoll l-importanza li jissaħħaħ l-użu ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni fl-Istati Membri fis-snin li ġejjin filwaqt li ssottolinjaw il-benefiċċji li jista' jkollhom l-użu tagħhom.
19. Jintlaqa' l-progress li diġà sar fl-Istati Membri b'rabta mal-użu ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni, kemm fl-istadju ta' qabel il-proċess kif ukoll fl-istadju ta' wara l-proċess. Meta jitqies xieraq, żieda ulterjuri fl-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni bħala alternattivi għad-detenzjoni matul il-proċedimenti kriminali, għandha tkun għan komuni madwar l-UE matul is-snin li ġejjin.
20. Id-disa' ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi ser, fost kwistjonijiet oħra, janalizza d-Deċiżjonijiet Qafas dwar probation u sanzjonijiet alternattivi (2008/947/ĠAI) u dwar l-ordni ta' superviżjoni Ewropea (2009/829/ĠAI) u jiġbor informazzjoni siewja dwar ir-raġunijiet għaliex l-użu ta' dawn l-istrumenti sa issa kien limitat. Madankollu, hemm il-ħtieġa li tinġabar informazzjoni usa' dwar l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fl-Istati Membri, u li jiġu diskussi l-benefiċċji differenti li jista' jkollhom.
21. L-iskambju tal-aħjar prattiki huwa mod utli li bih l-Istati Membri jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jtejbu l-leġislazzjoni, il-proċeduri u l-prattiki tagħhom stess. L-UE tista' tibbenefika wkoll minn kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet rilevanti oħra.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA GĦALHEKK JIKKONKLUDI LI JMISS

I. L-azzjonijiet li jridu jittieħdu fil-livell nazzjonali

1. L-Istati Membri huma mħeġġa jesploraw l-opportunitajiet biex itejbu, fejn xieraq, l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, bħal pieni sospiżi ta' priġunerija, is-servizz komunitarju, pieni finanzjarji u s-sorveljanza elettronika u miżuri simili bbażati fuq teknoloġiji emerġenti.
2. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw li jippermettu l-użu ta' forom differenti ta' rilaxx bikri jew kondizzjonali. L-għan huwa li t-trasgressuri jiġu ppreparati aħjar għar-riintegrazzjoni fis-soċjetà u li jkun hemm għajnuna għall-prevenzjoni tar-reċidività.
3. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw il-kamp ta' applikazzjoni għall-ġustizzja restorattiva u l-benefiċċji tal-użu tagħha.
4. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu fil-leġislazzjoni tagħhom il-possibbiltà li japplikaw miżuri mingħajr detenzjoni anke fl-istadju ta' qabel il-proċess tal-proċedimenti kriminali.
5. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li l-informazzjoni li tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni tkun disponibbli faċilment għall-prattikanti matul il-proċedimenti kriminali.
6. L-Istati Membri huma mħeġġa jqajmu kuxjenza fost il-prattikanti legali dwar il-benefiċċji ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni kif ukoll dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tekniċi tal-għodod eżistenti, bħas-sorveljanza elettronika.
7. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu taħriġ għall-prattikanti legali dwar l-użu ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni, inkluż il-ġustizzja restorattiva, u dwar ir-rakkomandazzjonijiet eżistenti kif żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa dwar dan is-suġġett.

8. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw jew itejbu t-taħriġ għall-persunal tal-ħabs u tal-probation, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-avukati tad-difiża dwar il-kontenut u l-użu tad-Deċiżjonijiet Qafas dwar probation u sanzjonijiet alternattivi (2008/947/ĠAI) u dwar l-ordni ta' superviżjoni Ewropea (2009/829/ĠAI) u jqajmu kuxjenza dwar il-possibiltajiet li jintużaw sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni matul il-proċedimenti kriminali.
9. Fir-rigward tal-użu ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli bħat-tfal, persuni b'diżabilità u nisa waqt it-tqala u wara li jkunu welldu.
10. L-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-ġbir tad-data dwar l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, u dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet Qafas dwar probation u sanzjonijiet alternattivi (2008/947/ĠAI) u dwar l-ordni ta' superviżjoni Ewropea (2009/829/ĠAI).
11. L-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-kapaċità tas-servizzi ta' probation, inkluż is-superviżjoni ta' sanzjonijiet mingħajr detenzjoni.
12. L-Istati Membri huma mħeġġa jaqsmu ma' xulxin u mal-Kummissjoni l-aħjar prattiki fir-rigward tal-aspetti kollha ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, bil-għan li jitgħallmu minn xulxin.
13. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll li jkomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, jiġġieldu l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabs u jippromwovu r-riintegrazzjoni tat-trasgressuri fis-soċjetà b'kont meħud tal-impatt fuq it-tnaqqis tar-reċidività u r-riskju tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet.

II. L-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-UE

1. Il-Kummissjoni hija mistiedna tesplora l-għażliet għall-promozzjoni tal-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fl-aġenda tagħha u żżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fost dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti.
2. Il-Kummissjoni hija mistiedna tivvaluta l-ħtieġa li jitwettaq studju komparattiv biex jiġi analizzat l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni fl-Istati Membri kollha sabiex tiġi appoġġata d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki nazzjonali.
3. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli ssaħħa l-implimentazzjoni taż-żewġ Deċiżjonijiet Qafas tal-UE dwar probazzjoni u sanzjonijiet alternattivi (2008/947/ĠAI) u dwar l-ordni ta' superviżjoni Ewropea (2009/829/ĠAI), b'kont meħud tal-informazzjoni miġbura matul id-disa' ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi.
4. Il-Kummissjoni hija mistiedna tiżviluppa taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi permezz tan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), kif ukoll għall-persunal tal-ħabs u tal-probation fil-livell tal-UE permezz tal-Akkademji Ewropej għat-Taħriġ fil-ħabsijiet (EPTA), network li bħalissa huwa ffinanzjat mill-programm dwar il-Ġustizzja.
5. Il-Kummissjoni hija mistiedna tvara laqgħat regolari tal-esperti dwar id-detenzjoni u sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, sabiex thegheġ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-esperti u l-prattikanti fl-Istati Membri kollha fir-rigward ta' politiki u prattiki nazzjonali f'dan il-qasam.
6. Il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra modi kif l-Istati Membri jistgħu jingħataw finanzjament biex ikomplu jiżviluppaw servizzi ta' probation, inkluż is-superviżjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni, u jtejbu l-faċilitajiet tal-ħabsijiet.
7. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli tappoġġa l-Organizzazzjoni Ewropea tal-ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi (EuroPris), il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation (CEP) u l-Forum Ewropew għall-Ġustizzja Restorattiva (EFRJ), li bħalissa huma ffinanzjati taħt il-programm dwar il-Ġustizzja. Hija mistiedna teżamina l-għażliet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' dawn l-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari billi tappoġġa l-ħidma tas-CEP fil-ġbir ta' data dwar alternattivi għad-detenzjoni fl-Istati Membri.

8. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) huwa mhegġegħ ikompli d-diskussjonijiet fil-laqgħat tiegħu dwar l-użu tad-Deċiżjonijiet Qafas dwar probation u sanzjonijiet alternattivi (2008/947/ĠAI) u dwar l-ordni ta' superviżjoni Ewropea (2009/829/ĠAI). L-għan huwa li jiġu identifikati ostakli għall-applikazzjoni prattika tal-istrumenti u li jitfittxu modi kif jista' jizzied l-użu ta' dawn l-istrumenti.
9. In-NĠE huwa mhegġegħ ikompli jaġġorna l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fuq bażi regolari.
10. In-NĠE huwa mistieden jikkunsidra l-għbir ta' informazzjoni fuq is-sit web tiegħu dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri mingħajr detenzjoni differenti f'kull Stat Membru. Għal dan il-għan, tista' tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni ma' kwalunkwe organizzazzjoni rilevanti, il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation (CEP) inkluża.

III. L-azzjonijiet li jridu jittieħdu biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet rilevanti oħra

1. L-UE għandha taħdem mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet rilevanti oħra sabiex jinstabu sinerġiji rigward il-ħidma relatata mad-detenzjoni u l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni.
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni. Il-Kummissjoni hija mistiedna tkompli l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa billi tappoġġa finanzjarjament il-għbir tal-istatistika fil-qasam tal-ħabsijiet u tal-probation (Statistiċi SPACE) u l-operazzjoni tan-Netwerk tal-UE ta' Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni (NPMs tal-UE).
3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw modi kif jistgħu jiġu promossi d-disseminazzjoni tat-testi tal-Kunsill tal-Ewropa li jistabbilixxu standards, il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT) dwar id-detenzjoni u l-użu ta' sanzjonijiet u miżuri mingħajr detenzjoni.